MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 1403/1992/1

**Carmel Camilleri (ex-Bombardier P/No. 18135606)**

**vs**

**Kmandant tal-Forzi Armati ta’ Malta.**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi huwa beda s-servizz fl-Armata fit-30 ta’ Gunju 1959 u gie ‘discharged from the Service, on Medical Grounds, in accordance with Regulation 38(1)(h) of reference B, with effect from 6 Mar 1991,” u gie dikjarat “Permanently unfit for further military service - Medical Grounds.”

Illi d-“Description of Ailment” giet indikata hekk: “Reactive depression secondary to military duties. No improvement in spite of rest away from work.”

Illi l-ebda membru tal-Medical Board li rrilaxxja dan ir-rapport dwar l-istat mentali tal-attur, ma kien psikjatra.

Illi b’dan l-agir unilaterali tal-Forzi Armati ta’ Malta, l-attur tilef il-beneficcju tal-pensjoni shiha li kien ikun intitolat ghaliha wara hamsa u ghoxrin sena servizz mal-Forzi Armati ta’ Malta.

Illi l-attur kien ilu Bombardier mill-1976 u nqabez diversi drabi fil-promozzjonijiet li nghataw, minkejja li kellu l-kwalifiki necessarji. Difatti, skond ic-Certificate of Service tieghu, “he was successfully employed on various trades, namely carpenter and joiner, welder, blacksmith and armourer ‘A’ III. He is a trustworthy and hardworking man. He was discharged on medical grounds after a long period of sick leave.”

Illi apparti li lill-attur setghu jinghatawlu ‘light duties’ (per ezmpju, clerical duties minnflok military duties) ghaz-zmien tal-konvalexxenza, l-attur kien qed isofri minn kondizzjoni li rrizultat mill-ingustizzji ripetuti li garrab, izda issa din il-kondizzjoni ghaddiet u l-attur rkupra sahtu ghal kollox u jinsab tajjeb biex jidhol lura fis-servizz (Dok A).

Illi l-Forzi Armati ta’ Malta kellhom japprezzaw ahjar il-karriera ta’ l-attur fis-servizz li skond it-Testimonial mill-British Army “Camilleri is an intelligent, smart, trustworthy and reliable man. He works hard and does not require close supervision. Camilleri is a hard working and competent combat engineer who passed his upgrading test BIII to BII in 1965. He is also a confident driver, and experienced storeman and a good welder who has spent the last three years in the unit workshops.”

Illi l-Forzi Armati ta’ Malta kienu responsabbli talli, filwaqt li persuni ohra gew moghtija promozzjonijiet – kultant anke minghajr il-kwalifiki ta’ snajja, edukazzjoni, cadre courses u seniority, u kultant ukoll lil min kellu criminal record u lil

min instab hati ta' serq f'Court Martial u lil min kien qed ibati b'depression u anke lil min kien 'cripple' – lill-attur cahhduh mill-promozzjoni li kien jimmerita u li kien imissu jircievi.

Illi, inoltre, l-attur ghandu jiehu minnghand l-konvenut nomine somma ta' Lm117.30,0 rapprezentanti "missed meals allowance" fir-rigward ta' tlieta u ghoxrin (23) darba li huwa kien 24-hour duty Ghawdex.

Illi, barra dan, meta l-attur gie rtirat mis-servizz, ma nghatax 'full working rate' ghas-sengha tieghu ta' A3 (Armourer), u b' hekk sofra telf ulterjuri finanzjarju.

Illi meta l-attur, filwaqt li kien membru tal-Forzi Armati ta' Malta, ipprova jiehu d-drittijiet tieghu, huwa gie avzat formalment li kien qed jikser id-dixxiplina militari u ghalhekk kellu jiddezisti milli jipprocedi ulterjorment.

Illi l-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta, interpellat ripetutament biex jaghti lill-attur id-drittijiet tieghu, baqa' inadempjenti.

Ghalhekk l-attur qed jitlob (1) li jigi dikjarat li t-terminazzjoni tas-servizz u d-"discharge on medical grounds" Tal-attur mill-Forzi Armati ta' Malta ma sarux validament, senjatament ghaliex l-attur lanqas gie ezaminat minn psikjatra qabel ma gie 'discharged' minhabba "reactive depression secondary to military duties," u minhabba dina d-decizjoni huwa tilef il-beneficcju li jircievi l-pensjoni shiha wara 25 servizz, (2) li jigi dikjarat li meta l-attur kien fis-servizz, huwa gie ripetutament imcahhad mill-promozzjonijiet li kien jimmerita u li kellu dritt ghalihom in vista tal-kwalifiki li ghandu, (3) li l-konvenut nomine jigi ordnat jiehu lura fis-servizz minghajr telf finanzjarju lill-attur stante li dan jinsab tajjeb biex jassumi d-dmirijiet tieghu, u u li l-istess konvenut nomine jigi ordnat jaghti lill-attur il-promozzjonijiet kollha li kien intitolat ghalihom skond il-kwalifiki li ghandu u li gie mcahhad minnhom, (4) li l-konvenut nomine jigi ordnat ihallas lill-attur d-differenza bejn dak li thallas lilu u dak li kien ikun dovut lilu kieku

nghata l-promozzjonijiet f' waqthom mill-1980 'il hawn, (5) li jigi dikjarat li l-attur huwa kreditur tal-konvenut nomine fl-ammont ta Lm117.30 rapprezentanti 'missed meals allowance' kif fuq inghad, (6) li l-konvenut nomine jigi kkundannat jhallas lill-attur l-imsemmija somma ta' Lm117.30, (7) li l-konvenut jigi dikjarat li hu responsabbli ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-attur, (8) li jigu likwidati dawn id-danni sofferti mill-attur u (9) li l-konvenut jigi kkundannat ihallas dik is-somma li tigi dikjarata bhala dovuta in linea ta' danni.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri privati tat-13 ta' Jannar 1989, tat-23 ta' Gunju 1989, tal-25 ta' Gunju 1990, tal-protest tat-3 ta' April 1990 u tal-protest tas-6 ta' Marzu 1992, kontra l-konvenut nomine li gie ukoll ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat li l-konvenut Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta naqas li jippresenta l-eccezzjonijiet tieghu fiz-zmien lit rid il-ligi u ghalhekk l-istess konvenut ghandu jitqies li hu kontumaci.

Rat id-dikriet taghha (diversament presjeduta) tal-24 ta' Mejju 1993 li bih gew nominati bhala periti gudizzjarji l-Brigadier Alfred Gera u l-Avukat Dottor Joseph Micallef Strafrace bil-fakoltajiet kollha soliti.

Rat l-affidavit tal-attur.

Rat li fil-kors tal-11 ta' April 2002 il-perit gudizzjarji ppresentaw u kkonfermaw bil-gurament ir-relazzjoni taghhom.

Rat l-imsemmija relazzjoni tal-periti gudizzjarji.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-periti gudizzjarji.

Rat in-nota tal-attur ippreserntata fil-kors tas-seduta tal-11 ta’ Marzu 2004 fejn hemm elenkati d-domandi li l-attur irid jaghmel lill-periti gudizzjarji.

Rat ir-risposti bil-miktub tal-periti gudizzjarji.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-attur.

Rat in-nota responsiva tal-konvenut.

Semghat it-trattazzjoni orali trad-difensuri tal-partijiet.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

L-attur kien membru tal-Forzi Armati ta’ Malta. Dahal fis-servizz fil-1959 u spicca ghal “ragunijiet medici” b’effett mis-6 ta’ Marzu 1991. L-attur gie dikjarat li hu “permanently unfit for further military service.”

Fic-citazzjoni tieghu l-attur jilmenta li l-ebda wiehed mill-membri tal-Medical Board, li rrilaxxja r-rapport dwar l-istat mentali tieghu, ma kien psikjatra. L-attur jilmenta ukoll mill-fatt li, minhabba dak li ghalih kien “agir unilaterali” tal-Forzi Armati ta’ Malta, huwa tilef il-beneficcju tal-pensjoni shiha wara hamsa u ghoxrin sena servizz. L-atur jippremetti ukoll li huwa nqabez diversi drabi fil-promozzjonijiet nonostante li, skond hu, kellu l-kwalifiki necessarji. L-attur jammetti li ghadda minn certu kondizzjoni ta’ sahhtu li kienet dovuta ghal pressjoni tax-xoghol pero’ issa tali kondizzjoni ghaddiet u l-attur jinsab tajjeb biex jidhol lura fis-servizz. L-attur inoltre jsostni li ghandu jiehu minnghand il-Forzi Armati s-somma ta’ Lm117.30 rapprezentanti “missed meals allowance” fir-rigward ta’ tlieta u ghoxrin (23) darba li huwa kien 24-hour duty gewwa Ghawdex u, inoltre, meta l-attur gie rtirat mis-servizz, ma nghatax ‘full working rate’ ghas-sengha tieghu ta’ A3 (Armourer), u b’ hekk sofra telf ulterjuri finanzjarju. In vista ta’ dan kollu l-attur talab li jigi dikjarat li t-

terminazzjoni tas-servizz tieghu ma sarx b'mod validu u li konsegwentement l-istess attur tilef il-beneficcju li jircievi l-pensjoni shiha. L-attur qed jitlob ukoll li jigi dikjarat li hu gie ripetutament imcahhad mill-promozzjonijiet li kien jimmerita u f'dan ir-rigward l-attur talab li l-Forzi Armati jigu ordnati jiehduh lura fis-servizz u li l-istess attur jinghata l-promozzjonijiet kollha li kien intitolat ghalihom. L-attur qed jitlob li l-Forzi Armati jigu kkundannat ihallsuh d-differenza bejn dak li thallas lilu u dak li kien ikun dovut lilu kieku nghata l-promozzjonijiet u li jhallsu l-imsemmi ammont ta Lm117.30. Finalment l-attur talab li l-Forzi Armati jigu dikjarati li huma responsabbli ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti minnu u li jigu likwidati dawn id-danni u li l-Forzi Armati jigu kkundannati jhallsu lill-attur id-danni hekk likwidati.

**L-ilmenti tal-attur**

L-attur jilmenta illi fost il-membri tal-imsemmi Bord Mediku li rrilaxxa r-rapport li wassal biex huwa jispicca minn mal-Forzi Armati, hadd minnhom ma kien psikjatra. Fil-fehma tal-attur dan il-fatt hu wieħed stramb speċjalment in vista tal-fatt illi l-Bord Mediku għamel rapport proprju dwar l-istat mentali tal-attur. L-attur jilmenta ukoll illi minħabba il-fatt illi huwa ġie "discharged," huwa tilef il-beneficcju tal-pensjoni shiha li kien ikun intitolat ghaliha wara hamsa u ghoxrin sena ta' servizz mal-Forzi Armati ta' Malta. Jidher pero' li l-ilment principali tal-attur hu li huwa kien inqabez diversi drabi fil-promozzjonijiet li nghataw, minkejja li, skond huwa, kellu l-kwalifiki necessarji.

L-attur jallega li minhabba l-inġustizzji ripetuti li huwa ġarrab fl-għoti ta' dawn il-promozzjonijiet, saħħtu marret lura. Inoltre, l-attur jallega illi huwa għandu jiehu minghand il-konvenut s-somma ta' Lm117.30 rapprezentanti 'missed meals allowance' fir-rigward ta' tlieta u ghoxrin darba li huwa kien 24-hour duty gewwa Ghawdex. L-attur jippretendi ukoll illi meta huwa kellu jirtira mis-servizz, ma nghatax 'full working rate' ghas-sengha tieghu ta' A3 (Armourer), u b' hekk sofra telf ulterjuri finanzjarju. Il-konvenut, Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta, baqa

kontumaċi u konsegwemntement ma hemm l-ebda eccezzjonijiet da parti tal-istess konvenut.

F'dawn il-proceduri ġew nominati periti gudizzjarji u cioe' l-Brigadier Arthur Gera u l-Avukat Dr Joseph Micallef Stafrace. Wara li l-imsemmija periti żammew is-seduti kollha necessarji, f'liema seduti nstemghu diversi xhieda u gew ukoll esubiti dokumenti, huma ppresentaw u kkonfermaw bil-gurasment ir-relazzjoni taghhom fejn ikkonkludew li tenut kont dak kollu li setgha kien relevanti huma kienu tal-fehma li l-attur ma rnexxilux jipprova dak li pogga bhala bazi tat-talbiet tieghu, bl-eccezzjoni tal-hames talba (dwar il-hlas ta' Lm117.30 ghal "missed meals allowance") u tas-sitt talba li hi marbuta mal-imsemmija talba ta' qabilha. Fl-opinjoni tal-Qorti għandhom jiġu aċċettati l-konkluzzjonijiet tal-periti ġudizzjari fis-sens li t-talbiet kollha, bl-eccezzjoni tat-talbiet numru 5 u 6, ghandhom jigu michuda. Fl-ewwel talba l-attur qed jitlob dikjarazzjoni illi t-terminazzjoni tas-servizz tieghu 'on medical grounds' mill-Forzi Armati ta' Malta ma saritx validament peress li fost il-membri tal-Bord Mediku ma kienx hemm psikjatra. F'dan ir-rigward jirrizulta li f'wahda mid-domandi miktuba li l-attur ghamel lill-periti gudizzjarji, in partikolari d-domanda numru 17, huwa stess jagħmel ferenza għall-ċertifikat dwar depression irrilaxxat minn Dr. Abraham Galea fl-1985. Kwindi l-Bord Mediku kellu, fil-fatt, ghad-disposizzjoni tieghu certifikat ta' tabib psikjatra. Inoltre ma jirrizultax li l-istess Bord Mediku ma kkonsidrax il-kontenut ta' dan ic-certifikat. Fin-nota ta' osservazzjonijiet il-konvenut gustament jirrimarka li l-imsemmi Bord kellu quddiemu ċertifikat ta' tabib psikjatra. Konsegwentement, hu ovvju, li l-ewwel talba ma tistax tigi akkolta.

Il-konkluzjonijiet tal-periti rigward it-talbiet numri 2, 3 u 4 ukoll ghandhom jigu konfermati. Jirrizulta li l-periti semghu diversi xhieda dwar għadd ta' promozzjonijiet li ngħataw lill-ħaddiema fil-Forzi Armati ta' Malta u dwar il-mod kif gie "boarded out" l-attur. Il-periti kkonsidraw diversi rapporti, fosthom rapporti konfidenzjali tal-Forzi Armati ta' Malta, s-service record tal-attur kif ukoll il-medical history tiegħu. F'dan ir-rigward il-periti osservaw illi l-mertu tal-kawża qatt

ma kien l-operat tal-Forzi Armati ta’ Malta, iżda hu proprju jekk sarux dawk l-inġustizzji fil-konfront tal-attur li huma indikati mal-attur fic-citazzjoni. Il-periti analizzaw il-provi (paragrafu 18 sa 25 tar-relazzjoni) u ma jirrizulta xejn li jista jwassal lil din il-Qorti biex tvarja jew tbiddel il-konkluzjonijiet, f’dan ir-rigward, tal-periti. Dawn l-istess konkluzzjonijiet ghalhekk qed jigu addottati u l-Qorti taghmillhom taghha.

L-attur qed jitlob ukoll li l-Forzi Armati jigu ordnati jdahhluh lura fis-servizz. Din it-talba timmerita ukoll li tigi rigettata stante illi jirrizulta li wara li l-attur ġie “boarded out”, saret offerta lill-attur biex jerġa jmur lura għax-xogħol, iżda l-attur irrufjuta. Fl-affidavit tiegħu stess, l-attur xehed “jien irrispondejtu li jkun inutili li nidħol lura għax-xogħol jekk nibqa’ niġi mċaħħad mill-promozzjoni mistħoqqa għaliex dan kien qed jaffettwali saħħti.” (Fol.48).

It-talbiet numru 5 u 6 jikkoncernaw l-allegazzjoni tal-attur li huwa ghad ghandu jiehu minghand il-Forzi Armati is-somma ta’ Lm117.30 rapprezentanti ‘missed meals allowance’ fir-rigward ta’ tlieta u ghoxrin darba li huwa kien 24-hour duty Ghawdex. F’talba numru 6, l-attur jallega li meta irtira mis-servizz ma inghatax is-salarju kollu kif relatatt ghas-sengha tieghu ta’ A3 (Armourer), u b’ hekk sofra telf ulterjuri finanzjarju. Fir-rigward ta’ dawn it-talbiet il-periti kkonkludew li dawn iz-zewg talbiet jirrizultaw ippruvati in vista tad-dikjarazzjoni guramentata tal-attur akkompanjanti c-citazzjoni u in vista li l-konvenut baqa kontumaci. In effett ghar-rigward taz-zewg talbiet in kwestjoni ma tressqux provi ohra.

Jista jinghad, ghalhekk, li l-periti kkonkludew illi nonostante li ma tresqux provi fuq dawn it-talbiet, minhabba li l-konvenut baqa kontumaci, dawn l-istess talbiet numru 5 u 6 għandhom jiġu akkolti. Il-Qorti, bir-rispett kollu dovut lill-periti, ma taqbilx ma din il-konkluzjoni. L-attur m’ghandux ikun b’xi mod vantaggjat minhabba l-kontumacja tal-konvenut. Il-Qorti tal-Appell fl-10 ta’ Ottubru 2003, fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet “Joseph Vella vs Pierre Cremona” irriteniet li f’każ ta’ kontumaċja tal-konvenut, l-attur xorta jrid jipprova t-

talba tiegħu u l-kontumaċja ma teħlisx lill-attur milli jissodisfa r-rekwiżit tal-liġi li jressaq provi sal-grad almenu ta' probabilità u inoltre li jipproduci l-aħjar prova." Tenut kont ta dan u tal-fatt li l-periti gudizzjarji stess jimplikaw li l-attur ma rnexxielux jipprov b'mod sufficjenti dawn iz-zewg talbiet tieghu, l-istess zewg talbiet, numri 5 u 6, jimmeritaw ukoll li jigu michuda u dan kuntrarjament ghal dak li gie ritenut mill-periti gudizzjarji. In effett ma saru ebda provi dwar dawn it-talbviet in kwestjoni.

Inoltre l-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet tal-periti rigward it-talbiet numru 7, 8 u 9 u ghalhekk anke dawn it-talbiet jimmeritaw li jigu michuda. Jidher li l-attur ma kienx sodisfatt bil-konklużjonijiet tal-periti u ghalhekk huwa ghamel diversi domandi bil-miktub lill-periti gudizzjarji dwar ir-relazzjoni tagħhom u l-konklużjonijiet li waslu għalihom fl-istess relazzjoni. Minn esami ta' dawn id-domandi jirriżulta li l-attur l-aktar li jaghmel enfazi hi l-allegazzjoni tieghu li huwa ma ngħatax promozzjonijiet li kien haqqu. L-attur isostni li kien inqabez diversi drabi fil-promozzjonijiet li nghataw, nonostante li huwa kellu l-kwalifiki necessarji. L-attur jgħid li kawża tal-inġustizzji ripetuti li huwa ġarrab, saħħtu marret lura, għaliex huwa kien iħossu li qiegħed jiġi mċaħħad mill-promozzjonijiet filwaqt illi s-suldati sħabu kienu jieħdu dawn l-istess promozzjonijiet.

Fir-risposti taghhom il-periti jiddefendu l-konklużjonijiet tagħhom u osservaw illi f'perjodu ta' seba' snin u f'analiżi li saret minn erba' reporting officers, qatt ma kien hemm rakkomandazzjoni għall-promozzjoni tal-attur. Il-periti għamlu ukoll riferenza għax-xhieda tal-Maġġur Abela, Supervising Officer tal-attur, illi xehed illi huwa qatt ma rrakmanda l-attur għall-promozzjoni. L-attur ghandu riservi ukoll dwar l-analiżi li saret tas-saħħa fiżika u mentali tiegħu u kif dawn ġew ikkonsidrati bħala fatturi sabiex hu ma jigix konsidrat għall-promozzjoni. L-attur jagħmel riferenza għar-record sheet tal-Forza Armata ta' Malta li tindika dawk is-snin li fihom ingħataw il-promozzjonijiet. Din ir-record sheet tindika ukoll il-ġranet ta' "sick leave" illi l-attur ha. L-attur josserva illi huwa ma kienx ta' saħħa fqira f'dawk is-snin. Huwa jgħid li, fil-fatt, huwa beda jbati

minn depression wara illi huwa nqabeż għall-fini tal-promozzjonijiet u illi kien hemm promozzjonijiet qabel ma huwa soffra l-"back injury" ċioe' qabel ma kien beda jieħu s-sick leave. Ghalhekk, skond l-attur, il-konklużjonijiet tal-periti illi s-saħħa tiegħu ma kenitx ir-raġuni għalfejn huwa ma ngħatax il-promozzjonijiet hi skorretta.

Il-periti spjegaw li waslu għall-konklużjoni tagħhom wara analiżi dwar l-istorja medika tal-attur, u irriżultalhom problemi fiżiċi u mentali li kienu jfixxklu lill-attur milli jwettaq x-xogħol tiegħu. Dawn il-problemi jinkludu problemi tas-smiegħ u uġiegħ f'daharu. Hemm ukoll il-problema tad-depression. Għamlu riferenza ukoll f'risposta numru 16 għax-xhieda ta' Lt Joseph Camilleri, u għal fatt illi minħabba s-saħħa tiegħu, l-attur kellu anke jitbiddillu n-natura tax-xogħol li kien ingħata. Ma jeżisti l-ebda dritt għall-promozzjoni. L-għoti ta' promozzjoni mhuwiex xi pass awtomatiku li għandu jittieħed fir-rigward ta' kull impjegat. Il-kriterji biex jitqies jekk persuna jistħoqqilhiex tingħata promozzjoni huma bosta u jittieħdu lkol flimkien. Impjegat jista' per eżempju jitqies għall-promozzjoni meta huwa jkollu l-kwalitajiet u l-kwalifiki meħtieġa, u s-superjuri tiegħu iqisu li jkun hemm lok (vacancy) ta' promozzjoni li tixraq lil dak il-ħaddiem. Fil-kawża odjerna, il-Forzi Armati ta' Malta kellhom diskrezzjoni fil-mili ta' promozzjonijiet, u jirriżulta illi saru assessments minn min kien f'posizzjoni li jagħmel dan rigward jekk l-attur Carmel Camilleri kellux jirċievi promozzjoni, u f'okkażżjonijiet separati, dejjem ġie konkluż illi dan ma kienx il-każ. A bażi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet u wara li jigu konsidrati id-domandi tal-attur lill-periti jista facilment jinghad li ma tirriżulta ebda raġuni għalfejn il-konklużjonijiet li waslu għalihom il-periti għandhom jiġu skartati, u għaldaqstant it-talbiet relattivi tal-attur għandhom ukoll jiġu miċħuda. In vista tal-premess it-talbiet kollha tal-attur jimmeritaw li jigu michuda.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha:-

.

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tal-attur bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------